**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 1131/13**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**JASON SCERRI**
**(I.D. 519779M)**

**Illum, 1 ta' Novembru 2018**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **JASON SCERRI**, detentur tal-karta tal-identita' 519779M tressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-15 ta' April 2013 ghall-habta ta' 15:50hrs gewwa Triq Haz-Zabbar, Fgura:

1. Saq vettura Nru. BBQ 565 b'manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza u (c) bla kont.
2. U aktar talli meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' George Gatt skond kif iccertifika Dr A Sultana M.D. Reg 1636 mill-M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat l-Artikoli taht liema l-Avukat Generali indika li tista' tinsab htija fl-imputat, u cioe`, fl-artikoli 225, 226(1)(a), 17, 30, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 15(1)(2) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta[1].

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja[2].

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni finali;

Ikkunsidrat;

Illi f'dan il-kaz, id-dinamika tal-incident huwa car u m'hemmx wisq divergenza dwar il-fatti. Dawn il-fatti, kif jemergu mill-atti processwali, huma s-segwenti:-

[1] Fol. 320.
[2] Fol. 322.

L-imputat kien qieghed isuq trakk bit-trailer wara, gej minn direzzjoni Hal Tarxien gewwa Triq San Tumas il-Fgura, sejjer direzzjoni Rahal Gdid, u kien qed jimmanuvra l-junction maghruf bhala tat-Tip Top biex idur lejn ix-xellug ghal go Triq Haz Zabbar. Dak il-hin, George Gatt il-parti leza, kien qieghed jaqsam it-triq minn quddiem ir-railings tal-hadid li jinsabu mad-dawra tal-bankina fl-istess salib it-toroq[3] bejn Triq Haz Zabbar u Triq San Tumas, meta gie investit bil-vettura misjuqa mill-imputat.

Jirrizulta mid-depozizzjonijiet rispettivi tal-parti leza u l-imputat, kif ukoll mill-verzjonijiet moghtija minnhom *a tempor vergine* kif jirrizultaw mill-*incident report*[4], li hemm qbil li immedjatament qabel il-parti leza beda jaqsam it-triq u qabel l-imputat qala' minn fuq il-*giveway sign* u beda jikser ghal go Triq Haz Zabbar, kien hemm karozza li kienet qed taqsam l-istess junction gewwa Triq Haz Zabbar, sejra direzzjoni Rahal Gdid. Jirrizulta li minhabba f'hekk, sew il-parti leza kif ukoll l-imputat stennew din il-vettura tghaddi qabel ipprocedew: il-parti leza biex jinzel mill-bankina u jaqsam it-triq u l-imputat, biex jaqla' mill-*giveway* u jdawwar il-kurva ghal go Triq Haz Zabbar minn fejn kien qed jaqsam il-parti leza.

George Gatt xehed illi wara li ghaddiet vettura quddiemu, ra li ma kien hemm hadd fit-triq u mar biex jaqsam minn quddiem il-hadid li hemm mad-dawra tal-bankina. Jghid li kif ghamel xi tliet passi fit-triq, sema' hoss ta' magna kbira, hares lura u ra t-trakk tal-imputat u resaq lura, izda ghalkemm irnexxilu jressaq siequ l-leminija, ir-rota tat-trakk ibbrejkja fuq siequ x-xellugija.

Ikkunsidrat;

[3] Vide sketch a fol. 10.
[4] Dok. SM1 a fol. 42 *et seq*.

Fil-kaz odjern, il-hsara kkagunata bis-sewqan tal-imputat tikkonsisti fil-feriment ta' pedestrian, cioe` l-parti leza George Grech, meta dan gie travestit mill-imputat u sofra ksur f'siequ, liema feriti gie ppruvat li kienu ta' natura gravi[5].

Huwa l-qofol tad-difiza tal-imputat f'dan il-kaz, illi l-parti leza wera nuqqas sostanzjali ta' attenzjoni u prudenza fil-mod li qasam it-triq, tant illi ghall-incident jahti unikament l-istess parti leza minhabba n-negligenza li wera meta gie biex jaqsam it-triq fil-kantuniera tal-junction f'post fejn huwa appuntu vjetat li l-pedoni jinzlu fit-triq, bil-konswegenza li holoq emergenza subitanea lill-imputat liema emergenza ghandha tiskolpixxi lill-istess imputat minn kull responsabbilita` kriminali ghall-urtu.

In materja tad-doveri ta' pedestrian prudenti, il-Qorti tosserva li huwa dmir ta' kull *pedestrian* illi jevita mixi bla hsieb fil-karreggjati kif ukoll mixi f' toroq arterjali, u biex pedestrian jaqsam triq - li wara kollox hija primarjament ghall-uzu ta' vetturi - jehtieg li qabel xejn il-pedestrian jaqsam minn post mahsub ghall-qsim jew jekk dan mhux possibbli ghal xi raguni jew ohra, isib post bla periklu fejn ix-xufiera tal-vetturi jistghu jarawh sew meta jigi biex jaqsam. Fil-fatt, fil-paragrafu 43 tal-Highway Code, wiehed isib illi:-

*"Fejn ikun hemm post ta' qsim ghal pedestrians (jew subway) jew f' distanza ta' madwar 50 metru 'l boghod minnek, taqsamx it-triq minn x'imkien iehor".*

Jigi osservat fir-rigward, illi l-parti leza xehed li biex qasam "*jiena mxejt quddiem il-hadid*"[6] indikat fl-isketch, liema hadid gie deskritt hekk minn PS1480 Sandro Mallia:-

"*Ir-railings jaghlqu l-area tal-curve tat-triq .... Huma kienu ghamlu railings biex in-nies ma jaqsmux*".

---

[5] Vide rapport Dr Alec Sultana u rapport Dr. Mario Scerri.
[6] Fol. 32.

L-istess ufficjal tal-Pulizija xehed[7] ukoll li meta wasal fuq il-post, huwa ra li l-parti leza:-

"*... kien mixhut mal-art, rasu n-naha tal-bankina ta' mar-railing. Ta' fejn jispiccaw ir-railings....*"

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti ma tistax ma tqisx il-pozizzjoni li l-pedestrian ghazel sabiex jaqsam it-triq bhala wahda ferm skonsiljabbli u xejn ghaqlija. Tosserva wkoll li huwa manifest f'dan il-kaz illi filwaqt li l-pedestrian ossia l-parti leza jidher li ma tax kas jassigura, qabel qasam, li t-triq kienet *clear* minn kull naha tas-salib it-toroq, u evidentement, kieku esplora t-triq madwaru prudentement, specjalment tenut kont tal-pozizzjoni fejn kien qed jaqsam it-triq, kien bla dubju jara t-trakk tal-imputat gej mil-lemin mad-dawra tempestivament.

Illi dwar l-obbligi tal-pedestrian, il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Caruana,** deciza fl-14 ta' Mejju 1955[8], stabbiliet li:

*"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f' posizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian"*

Madanakollu, dan it-taghlim irid jitqies bil-kejl ta' dawk li huma d-dmirijiet tas-sewwieq:-

"*driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut*

[7] Seduta tat-18 ta' Marzu 2015.
[8] App.Krim. Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031.

*responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b'mod li jkun pogga ruhu f'pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f'pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."*(App. Krim. **"Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud"** [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)

In konkluzjoni, il-Qorti ma ghandha ebda esitazzjoni li tikkonkludi li l-pedestrian f'dan il-kaz wera nuqqas manifest ta' diligenza meta gie biex jaqsam it-triq u effettivament qasam it-triq negligentement.

Madanakollu, stabbilita n-negligenza manifestata mill-pedestrian, il-Qorti ghandha tghaddi biex tqis il-kondotta tal-imputat li jinsab mixli quddiemha b'sewqan perikoluz, negligenti u bla kont u li bhala rizultat ta' din il-kondotta huwa kkaguna feriment ta' natura gravi fil-pedestrian. Wara kollox, l-imputazzjonijiet odjerni jirrigwardaw il-kondotta tal-imputat u mhux tal-pedestrian.

Huwa risaput in tema ta' responsabbilta` kontributorja li l-fatt li haddiehor (f'dan il-kaz il-vittma stess) ikun ukoll negligenti ma jgibx fix-xejn ir-responsabbilta` tal-imputat konducent, purche` naturalment, ikun jirrizulta li hemm negligenza effettiva da parti tal-istess imputat u li din in-negligenza kienet kawza efficjenti, ghall-anqas in parti, biex twassal ghas-sinistru u l-feriment tal-parti leza.

Gie ritenut ukoll mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christopher Siegersma**[9] li:-

"*... ... ... ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam… Jekk il-pedestrian ikun negligenti pero`, dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' 'reasonable care' li tinhtieg. Dana kollu jinghad dejjem sakemm*

[9] Deciza 12 ta' Lulju 2007, per Imhallef J. Galea Debono.

*ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Formosa" Kollez. XLIII, p.iv.p.1023).*"

Illi dan ifisser li fil-forum kriminali, il-konducent iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, purche` dak li jigri ma jkunx dovut unikament u esklussivament ghall-htija ta' haddiehor, f'dan il-kaz tal-pedestrian. Fi kliem iehor, in-negligenza kontributorja tal-pedestrian ma tezonerax lill-konducent jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. F'kull kaz, f'kaz li jinstab li kien hemm xi negligenza kontributorja da parti tal-pedestrian dan jista' jservi biss bhala temperament fil-piena u xejn aktar[10].

Jehtieg ghalhekk li jigi determinat x'inhi u f'hiex tikkonsisti l-kawza prossima tas-sinistru f'dan il-kaz, cioe` jekk hijiex il-kondotta negligenti tal-parti leza kif fuq imfisser, jew is-sewqan perikoluz, bla kont jew negligenti kif addebitat lill-imputat u konformament, il-kondotta tal-imputat ghandha tigi analizzata fil-qafas tal-imputazzjonjiet dedotti kontra tieghu f'dan il-kaz.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Haden Vella**, il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkunsidrat:-

"*Illi fir-rizoluzzjoni tar-responsabbilta' naxxenti minn incidenti awtomobilistici, ghandu dejjem jigi ezaminat x'kienet il-kawza prossima tas-sinistru (App.Krim. "Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti" (Kollez.Vol.XXXVII, iv.p.1217) u sabiex ikun hemm responsabbilta' ghall-kollizzjoni jinhtieg li jkun hemm nexus fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni. (App.Krim. "Il-Pulizija v. Nazzareno Micallef" [3.12.1960].)*"

Ikkunsidrat;

Illi fir-rigward tal-addebitu ta' sewqan perikoluz u sewqan bla kont, gie ritenut b'mod pacifiku mill-Qrati taghna illi:

[10] Ara wkoll fir-rigward, **Il-Pulizija vs Vincent Cassar**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali 4 ta' Settembru 2018.

*"**Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15*[11] *bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. **Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel.*"[12]

Jinghad illi l-kuncett ta' sewqan perikoluz u sewqan bla kont ghalkemm mhux imfissra espressament fil-ligi taghna, huwa identifikabbli mal-kuncett ta' *recklessness* fil-ligi Ingliza fejn jinsab ritenut illi, sabiex jissussisti l-*mens rea* ta' *recklessness*, m'hijiex bizzejjed kondotta merament traskurata jew imprudenti izda wahda li timmanifesta non-kuranza totali ghar-riskji li johloq. Fil-kaz **Quinn vs. Cunningham**, Lord Justice-General Clyde fisser li sabiex tip ta' kondotta jikkwalifika bhala *reckless* jehtieg li jigi identifikat:-

"*… an utter disregard of what the consequences of the act in question may be in so far as the public are concerned.*"[13]

Il-Blackstone jaghmel referenza ghall-*CPS Policy for prosecuting cases of bad driving'*[14] biex ifisser mil-lenti tal-ligi Ingliza, x'tip ta' sewqan jista' jitqies b'success ghall-finijiet ta' imputazzjoni ta' sewqan perikoluz:-

"*... racing or competitive driving; speed which is highly inappropriate for the prevailing road or traffic conditions; aggressive driving, such as sudden lane changes, cutting into a line of vehicles or driving much too close to the vehicle in front; disregard of traffic lights and other road signs, which, on an objective analysis, would appear to be deliberate; disregard of warnings from fellow*

---

[11] Tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.
[12] Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 6 ta' Mejju 1997: **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud**, Vol. LXXXI.iv.157.
[13] 1956, JC, 22 at p.24.
[14] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed. (Vol.1: 1065)

*passengers; overtaking that could not have been carried out safely; driving a vehicle with a load that presents a danger to other road users; where the driver is suffering from impaired ability such as having an arm or leg in plaster, or impaired eyesight; driving when too tired to stay awake; driving a vehicle knowing it has a dangerous defect; … … … or similar, in circumstances where the driver was avoidably and dangerously distracted by that."*

Ferm il-konsiderazzjonijiet appena rapportati, huwa evidenti li d-differenza bejn l-addebitu tas-sewqan perikoluz u s-sewqan bla kont hija wahda ta' grad fejn, biex ir-*recklessness* manifestata fis-sewqan tilhaq il-grad ta' sewqan perikoluz, il-kondotta ghandha ggib maghha perikolu ghas-sigurta` tal-pubbliku u/jew proprjeta`. Infatti, jigi osservat ghall-finijiet ta' piena l-legislatur taghna pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa.

Ikkunsidrat;

Fl-assjem tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz kif jirrizultaw mix-xhieda u l-provi l-ohra akkwiziti, il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ma kienx qed isuq b'mod perikoluz jew bla kont. Ma jirrizultax, anzi huwa eskluz, li l-imputat kien, immedjatament qabel l-impatt mal-pedestrian, qed isuq b'velocita` elevata ghall-inhawi jew fattizzi tat-triq in kwistjoni, u lanqas saret xi allegazzjoni f'dan is-sens. Il-Qorti tqis li dan lanqas kien possibbli fic-cirkostanzi, fejn l-imputat kien ghadu kif qala' minn pozizzjoni wieqfa[15] u kien qed jimmanuvra trakk ta' certu kobor f'salib it-toroq. Pjuttost, il-Qorti tqis li billi jirrizulta li l-imputat irnexxielu jwaqqaf it-trakk mill-ewwel hekk kif sema' l-ghajjat tal-parti leza, tant illi r-rota ta' quddiem tax-xellug waqfet sfiq fuq sieq l-istess pedestrian[16], jidher li l-imputat kien ghaddej bi speed baxx. Barra minn hekk, il-parti leza waqa' proprju fil-pozizzjoni li kien fiha qabel intlaqat u ma jirrizultax li huwa gie imbuttat 'il quddiem bl-impatt. Oltre dan, il-Qorti ma tirravvizax fis-sewqan tal-imputat, cirkostanzi ohra li juru li l-kondotta tieghu kienet bla kont

---

[15] Dan huwa konfortat mill-verzjoni tal-parti leza li xehed li qabel qasam huwa stenna sakemm ghaddiet vettura mill-junction quddiemu.

[16] *"U bbrejkja fuq saqajja. Nizel mit-trakk biex jara x'gara, bdew jghajjtulu li hemm ir-rota tat-trakk fuq saqajja, rega' tela` u saq biex nehha t-trakk minn fuq saqajja."* – George Gatt, seduta tat-18 ta' Marzu 2015.

jew perikoluza u kwindi ma tistax issib htija fl-imputat ai termini tal-Artioklu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa ghalhekk jibqa' li jigi determinat, in kwantu l-kaz m'huwiex wiehed ta' sewqan perikoluz jew bla kont, jekk l-imputat kienx b'xi mod negligenti jew traskurat fis-sewqan tieghu sal-grad li kkaguna l-feriment ta' George Gatt.

Ikkunsidrat;

In kwantu, imbaghad, ghal dak li huwa sewqan negligenti jew traskurat, gie ritenut illi:-

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat."*[17]

Rigward l-element tal-*mens rea* mehtieg biex tinsab il-htija ghal reat partikolari minhabba negligenza jew traskuragni, jinghad illi dan il-kuncett ukoll jehtieg agir li jinvolvi jew igib mieghu certu riskju li jmur lil hinn mill-i*standards* tal-*bonus pater familias*, izda d-differenza tinsab necessarjament fil-grad ta' negligenza manifestata fil-kondotta taht ezami[18]. Dan il-kuncett gie mfisser ukoll hekk:-

"*Negligence is not a state of mind but is rather a failure to comply with the standards of the reasonable man.*"[19]

Din hija wkoll it-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Grech**[20]**,** gie deciz

[17] **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud**, *supra.*
[18] Criminal Law (Greens Concise Scots Law), Jones & Christie, 1992 Ed., p.49.
[19] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed. (Vol. 1:26 p. 275)

li l-kuncett ta' traskuragni jimplika *"certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali."*

Ghalkemm, kif gia` nghad, il-legislatur Malti jonqos milli jaghti definizzjoni ta' sewqan perikoluz u sewqan bla kont, kif ukoll ta' sewqan negligenti, li bihom l-imputat jinsab mixli f'dawn il-proceduri, huwa pacifiku illi d-differenza bejn sewqan perikoluz, sewqan bla kont u sewqan negligenti hija dejjem wahda ta' grad. Gie mfisser illi:-

*"... it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances."*[21]

Oltre dan, huwa t-taghlim pacifiku tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna li ghas-sejbien ta' htija fil-konducent li jigi mixli li saq b' nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni, jehtieg li jintwera wkoll illi r-riskju ta' hsara jkun preveddibli, ghad li mhux prevista. In propositu, Prof. Mamo jkompli jfisser illi:-

*"the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen".*[22]

Fis-sentenza recenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dorianne Camilleri**[23], il-Qorti wara li ghamlet analizi profonda tal-kuncett tal-*culpa* fil-qafas ta' kawza fejn l-imputata wkoll kienet mixlija b'sewqan *inter alia* negligenti, ikkonkludiet illi:-

"*Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux*

[20] Deciza nhar il-21 ta' Marzu, 1996 per Onor. Imhallef V. DeGaetano
[21] Lectures in Criminal Law, Volume 1.

[22] Lectures in Criminal Law, Volume 1
[23] 28 ta' Frar 2018, Appell 89/2017.

*prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide Il-Pulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali)*"

Ikkunsidrat;

Illi fix-xhieda tieghu, l-imputat qal li huwa ma setax jara lill-pedestrian qabel laqtu minhabba l-pozizzjoni fejn kien qieghed jaqsam it-triq. Madanakollu, il-Qorti ma tqisx illi din il-verzjoni hija attendibbli: hija semghet lill-imputat jixhed u temmen li huwa ma rax lil-pedestrian mhux ghaliex ma setax jarah, izda ghaliex ma harisx b'mod attent madwaru, senjatament fid-direzzjoni fejn kien hiereg meta kien qed jimmanuvra l-hrug tieghu ghal go Triq Haz Zabbar. Sussegwentement, fuq domanda tal-Qorti jekk kienx ra lill-parti leza qabel gie biex jaqla' biex johrog ghal go Triq Zabbar, l-imputat wiegeb "*le ma rajtux*."[24]

Barra minn hekk, meta gie mistoqsi mill-Qorti jekk harisx fid-direzzjoni li fiha kien hiereg, l-imputat wiegeb li huwa hares "*harsa normali*"[25]; izda l-Qorti tifhem li din ghandha titfisser fil-kuntest ta' dak dikjarat mill-imputat fl-istess nifs, meta qal li "*karozzi ma jistghux jigu fuq il-lane tieghi*"[26] ghaliex din hija *one-way*.

Fir-rigward, il-Qorti tosserva wkoll illi l-parti leza xehed li meta sema' hoss ta' magna kbira u ra t-trakk tal-imputat, huwa ra li l-imputat ma kienx jaf li hemm hu fit-triq ghaliex "*kien mohhu fil-karru ta' wara*"; "*vizwalment ma ranix*"[27]. In kontro-ezami l-pedestrian qal hekk:

*"Indunajt li mhux qed jarani ghaliex kien hsiebu lura fil-karru".*[28]

[24] Fol. 332.
[25] Fol. 331 xhieda 3 ta' Ottubru 2018.
[26] Fol. 333 xhieda 3 ta' Ottubru 2018.
[27] Fol. 29.

[28] Fol. 29, xhieda tat-18 ta' Marzu 2015.

Din il-verzjoni ssib konfort anke f'dak li ddepona l-imputat stess meta spjega illi huwa u jdur ghal go Triq Haz Zabbar kien qieghed jikkalkula li r-roti tal-karru ma jirfsux il-bankina:-

"*ridt noqghod attent ovvjament bil-karru wara ma naqbadx ir-roti ma naqbadx il-bankina bir-roti ta' wara u ovvjament ridt nikkalkula ....*"[29]

Fil-fehma tal-Qorti huwa ghalhekk logiku illi bl-istess mod li mill-pozizzjoni tieghu got-triq il-parti leza seta' jara u effettivament ra lill-imputat, daqstant iehor allura l-istess parti leza kien vizibbli ghall-imputat fl-istess distanza – anzi kellu jkun *in plain view* - u kien hemm ghalhekk opportunita` li ppermettiet lill-imputat jevita li jolqot lill-pedestrian, specjalment tenut kont tal-velocita` baxxa li kellu. Inoltre, mill-isketch tal-incident, li ma giex kontestat, huwa evidenti li ma kien hemm ebda ostakolu ghall-vizwali tal-imputat huwa u jdur il-liwja, li seta' impedih milli jara lill-pedestrian. Jirrizulta konsegwentement illi l-imputat ma rax xi haga li kellu jara u kien biss minhabba f'hekk li ma setax jirrejagixxi tempestivament b'dan li l-pedestrian safa investit.

Konformament, jirrizulta li l-imputat ma kienx qed izomm *a proper lookout*, u fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa evidenti li kien tabilhaqq dan in-nuqqas tal-imputat li jara sew x'qed jigri quddiemu, li kien il-kawza prossima u determinanti tal-incident u tal-feriment tal-parti leza.

Illi huwa principju ben stabbilit li sewwieq ghandu obbligu primarju li jzomm *"a proper look out".* Gie ritenut li:

*"Hu dover ta' driver to see what is in plain view... u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout... Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road*

[29] Xhieda tal-imputat, 3 ta' Ottubru 2018.

*passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*[30]

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll li:-

*"... biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghal responsabbilta' penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x' aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kinitx issehh f' dak il-grad li effettivement sehhet..."*[31]

Fid-decizjoni tal-Qorti Ingliza fil-kaz **Neuhaus ND vs Boston Insurance Co. Ltd**. (1968), citata konsistentement mill-Qrati taghna in materja tad-dmirijiet ta' sewqan prudenti, intqal hekk:-

*"Keeping a proper look out means more than looking straight ahead, it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Ikkunsidrat;

Illi fil-kaz odjern, kif gja` stabbilit, huwa evidenti li l-imputat ma kienx qed izomm *a proper lookout* tat-triq madwaru ghaliex flok kien attent ghal dak li kien qed jigri fit-triq madwaru, kien mohhu biss fil-karru ta' wara. Huwa wkoll minnu li l-pedestrian ma messux qasam it-triq f'parti li hija kjarament vjetata ghall-pedoni, u barra dan qasam minghajr ma jesplora sew it-triq qabel qasam, izda huwa daqstant minnu li jirrizulta li l-imputat naqas palezement milli jhares sew madwaru huwa u jimmanuvra d-dawra ghal go Triq Haz Zabbar. Iktar minn hekk pero`, l-imputat kjarament naqas milli jipprevedi dak li facilment jista' jigri jekk wiehed isuq vettura ta' certu kobor minghajr ma jkun konxju ta'

[30] **Pulizija vs Roderick Debattista** deciza nhar is-26 ta' Mejju, 2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali
[31] Deciza nhar is-6 ta' Gunju, 2003.

dak kollu li qed jigri madwaru fit-triq, specjalment huwa u jikser ghal go triq principali bhalma hija Triq Haz Zabbar. Il-Qorti tqis li l-effetti ta' dan in-nuqqas tal-imputat, cioe` t-travestiment ta' pedestrian, huma altru minn ragjonevolment prevedibbli.

Dan qed jinghad minghajr qies tal-obbligi inkombenti fuq xufier ta' vettura ta' certu kobor, li kif ritenut, jehtieg li jezercita grad oghla ta' attenzjoni appuntu minhabba d-dimensjoni u toqol tal-vettura misjuqa minnu sabiex iqis li jkun fil-kontroll effettiv taghha f'kull hin u cirkostanza[32].

Il-Qorti hija konvinta illi kieku l-imputat qaghad attent mhux biss fil-karru izda wkoll ghal dak li kien qieghed jigri quddiemu u madwaru fit-triq, kien jara lill-pedestrian tempestivament u kien jigi evitat is-sinistru. F'dan il-kwadru ta' fatti, issib li s-sewqan tal-imputat kien evidentement negligenti u traskurat.

Ferm il-premess, ma jirrizultax li l-kawza unika u determinanti tas-sinistru tinsab fil-kondotta imprudenti tal-pedestrian li safa milqut izda, kif gia` stabbilit, din tinsab fis-sewqan negligenti tal-imputat. Mill-assjem tal-provi akkwiziti, lanqas jidher illi l-pedestrian holoq emergenza subitanea lill-imputat, ghaliex ghad li huwa qasam it-triq f'lok ferm skonsiljat u ghad ukoll li kjarament ma esplorax sew it-triq madwaru qabel qasam, ma hemm ebda prova li kien impossibbli ghall-imputat li jara l-pedestrian tempestivament. Kif inghad, il-pedestrian xehed li wara li ghamel xi tliet passi fit-triq, huwa sema' l-hoss tal-magna tat-trakk u kellu wkoll l-opportunita` jara li l-imputat ma kienx lemhu ghaliex kien mohhu fit-trailer wara t-trakk. Ghalhekk, anke ghaliex mill-isketch huwa evidenti li ma kien hemm ebda ostakolu ghall-vizwali tal-imputat - huwa u jimmanuvra l-liwja - li minhabba fih seta' ma rax lill-parti leza jaqsam it-triq f'distanza daqshekk qasira, id-difiza ta' emergenza subitanea mahluqa mill-pedestrian, ma tistax tirnexxi f'dan il-kaz.

---

[32] Ara **Brian Mizzi noe vs John Ciappara**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Marzu 2003.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mifsud**[33] intqal hekk in propositu:-

"*Anke fl-assenza hawn Malta, ta' regolamenti li jiddixxiplinaw lill-pedestrians hu cert li, anki meta jkun fil-carriageway il-pedestrian huwa intitolat ghall-uzu ta' diligenza ordinarja mill-parti tad-drivers f'dik il-carriageway. Il-pedestrian li jaqsam it-triq ghandu d-dritt kollu li d-driver juza d-diligenza mehtiega biex jevitah, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement, u d-driver ghandu jkun ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b'mod li jkun pogga ruhu f'pozizzjoni li ma setax jevita l- investiment tal-pedestrian.*"

Konformament, filwaqt li l-Qorti hija tal-fehma li l-pedestrian kien imprudenti fil-kondotta tieghu meta gie biex jaqsam Triq Haz Zabbar, ma ssibx li l-istess pedestrian holoq emergenza subitanea lill-imputat b'mod li jista' jigi skolpat mill-htija kriminali lilu addebitat, u tqis li kienet is-sewqan negligenti tal-imputat konducent li impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-imprudenza tal-pedestrian.

Issib ghalhekk li l-addebitu ta' sewqan negligenti tal-imputat gie ppruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli ghall-finijiet tal-Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u ssib ukoll li dan is-sewqan negligenti kien il-kagun ukoll u wassal ghall-feriment tal-parti leza ghall-finijiet tal-Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tqis illi n-nexus kawzali bejn is-sewqan traskurat tal-imputat u l-griehi gravi li sofra l-pedestrian f'siequ x-xellugija meta r-rota tat-trakk waqfet fuq l-istess sieq, huwa evidenti u fi kwalsiasi kaz, ma giex kontestat mill-imputat.

Il-Qorti ssib ukoll li l-offizi kkagunati lill-parti leza minhabba s-sewqan negligenti tal-imputat kienu ta' natura gravi ai termini tal-Artikolu 218 tal-Kodici Civili. Fir-rigward, sew Dr. Alec Sultana kif ukoll Dr. Mario Scerri li

[33] Vol. XXXVIII, part 4, pagna 859 - citata wkoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Pulizija vs. Vincent Cassar**, deciza 4 ta' Settembru 2018.

entrambi ezaminaw u rrelataw dwar il-griehi sofferti minn George Gatt u n-natura taghhom, ikkonkludew illi l-griehi fis-sieq tal-parti leza kienu ta' natura gravi per durata[34]. Dr. Alec Sultana xehed[35] illi l-parti leza sofra minn dizabilita` permanenti ta' ghaxra fil-mija (10%) filwaqt li fir-rapport tieghu gie konstatat li ghalkemm il-ferita kienet fieqet, il-funzjoni tas-sieq u tal-ghaksa ma terga' qatt tkun normali, oltre li bhala rizultat tal-ferita, is-sieq ix-xellugija ser tibqa' debboli u sfurmata permanentement. Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li l-offizi kkagunati, oltre li huma gravi ai termini tal-Artikolu 226(1)(a), igibu l-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.

Madanakollu, il-Qorti tqis li l-imprudenza manifestata mill-pedestrian fil-mod kif qasam it-triq in kwistjoni, ghandha tittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet tal-piena li ghandha tigi erogata. Tenut kont ta' dan u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li piena karcerarja bla dubju m'hijiex indikata fil-kaz odjern, u tqis li ghandha tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' piena pekunjarja komplessiva fir-rigward ta' dak li taghha qed jinsab hati.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 17, 30, 225, 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 15(1)(a) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta indikati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, il-Qorti filwaqt li ssib lill-imputat JASON SCERRI hati tal-ewwel imputazzjoni biss in kwantu saq il-vettura BBQ-565 b'manjiera traskurata, ma ssibux hati li saq l-istess vettura b'manjiera perikoluza u bla kont, u filwaqt li ssibu hati wkoll tat-tieni imputazzjoni, tikkundannah ghal piena ta' multa komplessiva fis-somma ta' hames mitt Euro (€500), u tiskwalifikah milli jkollu, izomm jew jiskeb kull licenzja ta' sewqan ghal zmien tmint (8) ijiem mil-lum, liema terminu jibda jghaddi min-nofs il-lejl u minuta ta' ghada filghodu.

[34] Xhieda Dr. Mario Scerri, 27 ta' Marzu 2018, rapport Dok. MS.
[35] 14 ta' Dicembru 2016, rapport Dok. AS a fol. 252 *et seq*.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas ukoll is-somma ta' mitejn u disgha u erbghin Ewro u ghoxrin centezmu (€249.20) lir-Registratur tal-Qorti, rapprezentanti parti mill-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti f'dawn il-proceduri[36].

**Dr. Rachel Montebello**

**Magistrat**

[36] Rapport ta' Dr. Mario Scerri Dok. MS a fol. 311 *et seq*.